Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 2713/1999/1

**Peter Montebello**

**vs**

**Peter Montebello li jiggestixxi l-kummerc f'isem vjaggi Montebello u martu Tessie Montebello**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 16 ta' Dicembru 1999 ipprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, fejn espona: -

Illi l-attur kien ghamel xoghol ghal Peter Montebello li jiggistixxi n-negozju f'isem "Vjaggi Montebello" ghal perjodu bejn Jannar 1995 u Dicembru 1997.

Illi dan ix-xoghol kien jikkonsisti f'konsultenzi, xoghol ta' ufficcju, xoghol ta' *Manager*, bejgh ta' *tours*, xiri ta' *packages* ta' "travel" u xoghol iehor.

Illi ghalkemm interpellat sabiex ihallas ghal dawn is-servizzi l-konvenut baqa' inadempjenti.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex: -

1. Tiddikjara li l-konvenuti ghandhom jikkumpensaw lill-attur ghal xogholu fil-perjodu bejn Jannar 1995 u Dicembru 1997.

2. Tillikwida, anki b'nomina ta' periti, l-ammont dovut kif fuq spjegat.

3. Tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu lill-attur l-ammont likwidat mill-Qorti bhala kumpens ghal xoghol li ghamel.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Novembru 1999 u bl-imghax legali.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tat-2 ta' Marzu 2000.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Peter u Tessie konjugi Montebello datata 12 ta' Gunju 2000 (fol 13) fejn esponew:

1. Illi fl-ewwel lok it-talbiet attrici huma preskritti *ai termini* tal-artikolu 2147 (c) u/jew 2148 (d) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

2. Illi fit-tieni lok u subordinatament u bla pregudizzju ghas-sueccepit, il-pretensjonijiet avanzati mill-attur huma *in toto* jew in parti ezawriti kwantu li kawza fuq l-istess mertu fl-istess ismijiet, citazzjoni numru 2542/96 NA, giet ceduta mill-istess attur fit-13 ta' Settembru 1996 bla riserva hlief li sar ftehim. Illi huwa car pero' li l-kawza odjerna ma hix impernjata fuq xi ftehim, izda fuq l-azzjoni

generali ghall-hlas ta' kumpens. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur.

3. Illi jekk dak li qieghed jippretendi l-attur fil-kawza odjerna huwa abbazi tal-ftehim li kien sar bejn il-kontendenti fid-19 ta' Jannar 1995, l-ammonti mitluba ma humiex dovuti dan peress (i) li tali ftehim ma jipprospetta ebda hlas ghas-servizzi elenkati fic-citazzjoni attrici u *di piu'*; (ii) illum dan il-ftehim ma ghadux aktar vinkolanti peress li gie rimpjazzat b'dak li ghadda bejn il-kontendenti wara li kienet giet prezentata u irtirata l-kawza fuq imsemmija. Kwindi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

4. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu "dato ma non concesso" li l-attur huwa intitolat ghal xi hlas kif minnu pretiz mhux biss huwa esagerat u allura kontestat, kwantu jirrigwarda l-ammonti pretizi, dan gie ampjament rikompensat mill-eccipjenti u dan kif ser jigi pprovat fil-kors tal-kawza. Ghalhekk wkoll it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta’ Frar 2002 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn Dr. Philip Manduca ddikjara li l-attur m’ ghandux provi izjed xi jressaq dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u ghalhekk tista’ ssir it-trattazzjoni tal-eccezzjoni. L-Avukati trattaw dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u talbu li l-Qorti tghaddi ghas-sentenza dwarha. Il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar il-preskrizzjoni ghat-30 ta’ Mejju 2002; u rat il-verbali tas-seduti l-ohra kollha nkluz dak tal-25 ta’ Settembru 2003 (fol 78) fejn inghatat sentenza *in parte*, illi: -

*“Il-Qorti,*

***Tichad l-ewwel eccezzjoni*** *tal-imharrkin mizzewgin Montebello, bl-ispejjez kontrihom, u dan ghaliex fic-cirkostanzi tal-kaz mhix misthoqqa la fil-fatt u lanqas fid-dritt.*

***Tordna** li s-smigh tal-kawza jitkompla bil-gbir fil-mertu."*

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur Peter Montebello datata 10 ta' Marzu 2006 a fol 238 tal-process.

Rat in-nota risponsiva tal-konvenut ghan-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-attur, datata l-1 ta' Gunju 2006 a fol 242 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Gunju 2006 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn Dr. Vincent Galea talab lill-Qorti tawtorizzah iressaq in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut bi twegiba ghal dik tal-attur u dan minkejja li ghalaq iz-zmien moghti fl-20 ta' April 2006. Fin-nuqqas ta' oppozizzjoni, il-Qorti laqghet it-talba. Il-kawza giet differita ghas-sentenza fin-nuqqas ta' xkiel ghall-14 ta' Dicembru 2006; u rat il-verbali tas-seduti l-ohra kollha nkluz dak tat-12 ta' Dicembru 2012 fejn b' ordni tal-Qorti il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' April 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta' Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' April 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn b' ordni ta' din il-Qorti il-kawza giet differita ghad-19 ta' Novembru 2013 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din hija kawza ghal-likwidazzjoni u hlas ta' servizzi ta' konsulenza moghtija mill-attur. L-attur jghid li kien ta servizzi lill-konvenut fix-xoghol li dan kien jaghmel f'agenzija tal-ivvjaggar tal-konvenut, ghal liema xoghol baqa' ma thallas qatt.

Illi ghal din l-azzjoni l-konvenuti mizzewgin Montebello laqghu billi qalu li l-attur ma ressaqx it-talba tieghu fiz-zmien, li t-talbiet tal-attur waqghu ghaliex jolqtu l-istess mertu ta' kawza ohra li huwa kien fetah qabel u ma kompliex, u li l-hlas mitlub mill-attur m'huwiex dovut ghaliex ma kienx hemm ftehim ta' hlas, u li l-hlas mitlub huwa gholi wisq.

Illi l-fatti li jaghtu lok ghal din il-kawza huma s-segwenti. Il-konvenut ghandu Agenzija tal-Vjaggi li jmexxi il-fergha taghha fil-lukanda *Cumberland* fil-Belt Valletta, li taghha l-konvenut huwa wkoll s-sid. Fid-19 ta' Jannar tal-1995, sar ftehim li bih l-arrangament li kien sar fil-1991 dwar it-tmexxija tal-istess agenzija mill-attur u Carmelo Montebello, hu l-konvenut, jinhall taht il-kondizzjonijiet hemm imfissra. Skont dan il-ftehim, l-attur u Carmelo Montebello ntrabtu li jaghmlu l-konteggi kollha rigwardanti l-amministrazzjoni taghhom tul il-perjodu bejn 1991 sa 1995 sa zmien xahar mid-data tal-ftehim, cioe` sad-19 ta' Frar 1995. L-attur baqa' jattendi fl-Agenzija tal-Vjaggi u jghid li f'dan il-perjodu sussegwenti ghamel xoghol klerikali ghall-konvenut li tieghu qed jippretendi l-hlas.

Fid-9 t'Awwissu 1996, l-attur kien fetah kawza lill-konvenuti ghall-hlas ta' xoghol maghmul minnu fl-imsemmija agenzija. L-attur ceda l-kawza fit-13 ta' Novembru 1996, qabel ma kienet ghadha appuntata ghall-ewwel smigh. (Nota a fol. 34 tal-process li tghid *stante ftehim*).

## <u>Provi Prodotti</u>

Il-konvenut esebixxa skrittura privata (**Dok.TA2**) (fol. 23) redatta bejnu flimkien ma' Carmelo Montebello li jigi hu l-konvenut, min-naha wahda u l-istess konvenut min-naha l-ohra datata d-19 ta' Jannar 1995.

L-Avukat Dottor Thomas Abela xehed dwar dan id-dokument u qal[1] li kien ghamel zmien bhala l-konsulent legali tal-konvenut bejn is-sena 1994 u 1995 u kien ghen

[1] Xhieda a fol. 35 et.seq.

fir-redazzjoni tal-iskrittura. Spjega li l-attur odjern kien ghamel kawza kontra l-konvenut odjern, liema kawza giet ceduta qabel ma giet appuntata. Il-pretensjonijiet tal-attur fil-kawza tallum kienu tnisslu minn uzu li baqa' jaghmel tal-istess post pero' qal li ma kienux dahlu f'dawn il-pretensjonijiet. "*Kienet pretensjoni li originarjament l-attur tallum kien jivvanta kontra Carmelo Montebello, hu l-konvenut.*" Skont l-iskrittura (**DOK TA2)** l-attur u Carmelo Montebello kellhom jivvakaw l-ufficcju tal-ivvjaggar li kienu juzaw fil-Cumberland Hotel fi zmien xahar mid-data tal-ftehim. Ghal dawn ix-xoghlijiet ma kien miftiehem ebda forma ta' kumpens.

Xehed l-attur **Peter Montebello**[2] u afferma li t-talbiet li qed jaghmel illum huma xi ftit differenti minn dawk li ghamel fil-kawza li kien beda u ceda fil-1996. Madanakollu qal li qed jippretendi hlas ghall-<u>istess konsulenzi</u> li kienu mertu tal-kawza li fetah fis-sena 1996. Hu spjega li l-ftehim kien sabiex icedi l-effetti tal-mandat biex jirrangaw bejniethom izda baqghu ma waslux ghall-ftehim.

Is-servizzi tal-konsulenza mertu ta' din il-kawza m'humiex kolpiti bil-ftehim **Dok. TA2** imma huma servizzi li baqa' jaghti wara Jannar 1995 mill-Cumberland Hotel fejn kien ibbazat, f'numru 111, Triq San Gwann Valletta, a beneficcju tad-ditta *Vjaggi Montebello.* Minn 1995 din id-ditta kienet qed tigi rapprezentata mill-konvenut.

Hu qal li l-affarijiet li ftehmu fuqhom fl-iskrittura imsemmija huma maghluqin. "*Il-kumpens jew ahjar il-konsulenza li dwarhom qed nitlob kumpens illum jien ma kellix ftehim bil-miktub mal-konvenut dwarhom. Konna miftehmin bil-fomm.*" Is-servizzi waqqfu fl-ahhar tas-sena 1997 meta d-ditta giet akkwistata minn terzi persuni. Fiz-zmien in kwistjoni ma kienx impjegat imma kien qed jahdem ghar-rasu.

---

[2] Xhieda a fol. 38 et. seq. tal-process.

Rega' xehed f'seduta ulterjuri[3] u qal li meta fetah mal-konvenut kien hemm ftehim li huma jaqsmu nofs bin-nofs. Wara li ghaddiet sena u ra li l-konvenut ma riedx jaghlaq il-kontijiet fetah kawza. Ftit wara iltaqghu fil-prezenza tal-partijiet u kien gie miftiehem b'weghda li saritlu mill-konvenut li jirrangaw izda bil-kundizzjoni li jwaqqaf il-kawza li fetah. Hu hekk ghamel u nehha wkoll mandat li kien ottjena l-hrug tieghu.

"*L-arrangament li konna ilhaqqna fil-laqgha u ghamilna l-Qorti kien fis-sens li l-konvenut ihallasni s-sehem tieghi tax-xoghlijiet li jien kont ghamilt matul dik is-sena u nofs ta' qabel.*" Hu qal li ghalih, il-fehma kienet li dak il-ftehim li kellhom fil-bidu meta bdew in-negozju, jigifieri li jaqsmu indaqs, kien baqa' fis-sehh.

Meta l-konvenut kien f'tahdidiet ma' terzi li riedu jakkwistaw l-agenzija, qallihom li l-attur kien impjegat mieghu b'salarju ta' Lm5,000 fis-sena. L-attur qal "*F'dik ic-cirkostanza allura deherli li jkun ahjar biex nithallas is-sehem tieghi li naccetta dik il-verzjoni tal-attur.*" Difatti meta d-ditta giet akkwistata minn Meditours Limited, rapprezentata minn certu Joseph Azzopardi, dan kien l-ammont li hallsu. Dan akkwista l-agenzija f'Jannar 1998 u bejn 1996 sakemm l-agenzija inbieghet, il-fehma tieghu kien li jaqsam bin-nofs mal-konvenut.

Dwar in-nota ta' cessjoni tal-kawza fl-ismijiet *Peter Montebello v Peter Montebello et (Cit. 2542/96NA)*[4](fol.34) li tghid "*Nota ta' Peter Montebello li biha jcedi l-atti tal-kawza stante ftehim.*" Qal li meta pprezentaha l-idea tieghu kienet li jwettaq dak li kienu ftehmu fis-sens li jiehu sehem indaqs ta' nofs bin-nofs mill-qligh mal-konvenut. Fl-ebda cirkostanza ma ssemmiet l-iskrittura tad-19 ta' Jannar 1995 fil-laqgha li sehhet biex jittransigu l-kawza peress li dik kienet tirreferi ghall-hlasijiet li kellhom isiru fil-hames snin ta' qabel u ma rreferietx ghaz-zmien kopert mill-kawza.

---

[3] Fol.41 et.seq. tal-process

[4] Kopja tac-citazzjoni esebita bhala **Dok. TA1 a fol 29-33**

Meta l-konvenut kien gharrfu li kien qal lil Joseph Azzopardi li l-attur kellu hlas ta' Lm5,000 fis-sena, l-istess attur kien talbu permezz ta' ittra li jithallas Lm5,000 ghat-tliet snin precedenti bl-imghax.

Meta rega' xehed ikkonferma li kien qed jippretendi Lm5,000 bhala kumpens ghal kull sena li hadem ghad-ditta.[5]

Il-ftehim li ghalih tirreferi n-nota ta' cessjoni kien ftehim biex isir ftehim ahhari bejniethom.

B'riferenza ghall-ftehim a fol. 23 sa 28 tal-process qal li ftit qabel kienet sehhet serqa ta' madwar Lm75,000 mill-ufficcju tad-ditta u wara dan l-episodju fil-bidu tal-1995 dahal il-konvenut flok l-attur u flok Carmelo Montebello biex imexxi d-ditta. Id-debiti tad-ditta sal-1994 kollha gew onorati minnu u minn Carmelo Montebello hlief ghall-pretensjonijiet li seta' kellu l-konvenut. Dan kien ghaliex il-konvenut qatt ma kkwantifika l-pretensjonijiet tieghu.

Qal li kien izzomm l-ghodda tieghu fil-*Cumberland Hotel* bejn 1995 u 1997 imma bazikament ma kienx juzah.

Cahad li baqa' jahdem fil-*Cumberland Hotel* bejn l-1995 u l-1997 biex iwettaq l-obbligi tieghu skont il-ftehim **DOK TA2**. Ir-rendikonti tal-hidma bejn l-1991 u l-1994 kien ghaddihom lill-konvenut matul is-sena 1995. B'effett minn Jannar 1995 "*jien kont dhalt impjegat mal-konvenut."*

Xehed il-konvenut **Peter Montebello**[6] u cahad li qatt kellu rabta ta' impieg mal-attur li hu prim kugin tieghu. Tal-hin li kien iqatta' fil-*Guest House* l-attur kien jithallas billi kien jaghtih xi *tours* lokali, jahdimhom hu u jiehu l-profitti hu. L-ispejjez kollha ta' korrispondenza, *telephone bookings* u spejjez ohra kien ihallashom il-konvenut filwaqt li l-attur kien jaqta' l-ispejjez tal-*coaches* u *restaurants* mill-introjtu li jigbor mit-*tours.* Qatt ma kellhom forma ta' negozju bi qligh bejniethom la bil-kitba u lanqas verbalment.

---

[5] Xhieda a fol.84 tal-process.
[6] Affidavit a fol. 53-55 tal-process.

Riferibbilment ghall-perjodu mertu ta' din il-kawza, l-attur kien *self employed* u kien ghadu jahdem u jissupplixxi lill-klijenti tieghu ghall-*business* ta' *engraving* mill-*Guest House* tal-konvenut sakemm minn jheddu hareg u ha l-ghodda tieghu ghall-habta ta' Mejju 1999. Bejn l-1995 sa l-1997 ix-xhud kien personalment iwiegeb id-diversi klijenti tieghu li kienu jcemplulu u jfittxuh bl-ordnijiet.

Fil-11 ta' Novembru 1995 **(DOK PM8)** l-attur kitiblu u talbu salarju ta' Lm4,000.

**Xehed l-attur**[7] u qal li bejn l-1995 sa l-1997 kien jaghmel ix-xoghol kollu klerikali fl-ufficcju tad-ditta Vjaggi Montebello. Kien jahdem sieghat kuljum mit-8.15 am sas-6.00 pm, u nofs ta' nhar is-Sibt.

Baqa' ma thallassx u baqa' jaghmel l-istess xoghol u rega' baghat prospett iehor f'Novembru tas-sena 1996. Meta rega' kiteb lill-konvenut fil-1997 wasal ghal cifra ta' Lm15,000 ghat-tliet snin li kien qed jaghtih is-servizzi tieghu.

**In kontro ezami** qal li kkalkula li sehemu kellu jinghatalu mal-gheluq tal-kotba fl-ahhar ta' kull sena. Qal li ma kienx jikkonsidra lilu nnifsu bhala impjegat tal-konvenut. Il-konvenut kien rega' involva ruhu fit-tmexxija tad-ditta fis-sena 1995 izda l-konteggi ghall-perjodu antecedenti gew maghluqa skont il-ftehim tal-1995, skont liema l-qligh kellu jinqasam bin-nofs.

**Il-konvenut** esebixxa affidavit (fol. 92 sa 177) b'diversi dokumenti mehmuza. Bejnu u l-attur kien hemm rabtiet familjari tant li kien sablu l-ewwel impieg tieghu. Madanakollu cahad li qatt kien hemm rabta ta' impieg jew forma ta' *business* bil-qligh bejniethom. L-uniku ftehim kien tad-19 ta' Jannar 1995.

Qal li fiz-zmien tal-amministrazzjoni tal-attur u ta' huh Carmelo, l-attur kien inkarigat mill-*accounts* u Carmelo

[7] Fol 58 et seq.

mill-kumplament tax-xoghol kollu li kienet tirrikjedi l-agenzija. Il-konvenut kien jghin billi imexxi *tours* barra minn Malta bhala *tour leader.* Huh Carmelo biss kien jorganizza dawn it-*tours*. L-attur qatt ma tah rendikont tad-dhul tal-agenzija u hu qatt ma qallu xejn sakemm inqala' l-incident tal-1994.

Ghall-habta ta' Ottubru 1994 l-attur kien cempillu u qallu bis-serqa. Qallu li kien hemm traskuragni kbira bejnu u Carmelo fix-xoghol tal-ivvjaggar u kien hemm anke debiti ma' azjendi ohra, u l-ebda rendikont ta' xejn. Huh qallu li kien ghadda Lm75,000 lill-attur qabel siefer fuq *tour*. Skont ix-xhud dan kien jikkontrasta ma' dak li kien qallu huh qabel cioe`, li ma kellhomx flus f'idejhom. Sab tahwid kbir fl-agenzija u kien anke deher artikolu li kellu impatt negattiv fuq id-ditta f'gazzetta lokali *The Times of Malta* **(DOK PM1).**[8] L-attur kien obbliga ruhu li jaghtih *handover* sa Frar 1995 u dan minghajr ebda rikompens.

Hu kellu jerga' jiehu r-riedni f'idejh u l-attur baqa' jigi hdejh *"sabiex nipprova nibda nholl il-kobba mhabbla li kienu ghamlu hija u hu."* Hu ried li jgib l-agenzija fuq saqajha kemm fil-bejgh kif ukoll "*fl-irgulija lejn id-debituri*."

Il-konvenut sostna li l-attur weghdu li sal-ahhar ta' Ottubru 1995 kien ser jaghlaq il-pendenzi kollha. Il-konvenut kien pressat biz-zmien izda spjega li kellu jiddependi fuq l-attur ghall-informazzjoni kollha. Dan ma kienux konsulenzi jew *management* li qed jittanta u jipprova javvanza favorih personalment l-attur.

*Inoltre* l-attur qed jipprova jiehu vantagg mill-uzu li baqa' jaghmel fil-*Guest House* fejn kien jaghmel xoghlu ta' *engraving.* L-uniku obbligu li kellu l-attur kien li jghinu jigbor kull taghrif biex ihaffu jhallsu u jaghlqu l-konteggi, ghal liema konteggi kien unikament responsabbli l-attur skont l-iskrittura tal-19 ta' Jannar 1995. "*L-attur ma kienx qed jghini f'sens ta' xoghol imma kien qed jipprova*

[8] Fl-ewwel paragrafu ta' dan l-artikolu insibu "*The directors of a travel agency let their business go into decline as they tried to find out which one of them was behind a series of thefts a police inspector told a court yesterday.*"

*jimminimizza d-dizastru li hallew warajhom l-attur u hija Carmelo."*

Qal li l-attur kien anke jissupplixxi l-hwienet mill-*Guest House* bix-xoghol personali tieghu ta' *engraving* u kienu jigu jfittxuh u jcemplulu l-klijenti fil-*Hotel* stess.

Qal ukoll li sal-gurnata tallum ghad hemm pendenzi li jirrisalu ghall-perjodu tat-tmexxija tal-attur. Li kieku lesta l-konteggi kien ikollu jitlaq mill-*Guest House.* Ipprezenta protest fil-Qorti tal-Kummerc fl-4 ta' April 1995 **(Dok. PM2)**. Esebixxa wkoll ittra mibghuta mill-Avukat tieghu fit-12 ta' Gunju 1995 lil SMS Ltd li kienu qed jitolbu li jithallsu mill-Agenzija tal-konvenut (**Dok.PM3**).

Xehed *inoltre* li spicca b'*depression* minhabba l-inkwiet li dahhlu fih l-attur u huh. Qal ukoll li kien jaghmel hlasijiet ghan-nom tal-attur u li kieku dan kellu dritt ghal xi flus minghandu l-ewwel kien jitlob tpacija.

Fit-28 ta' Gunju 1995 silef flus *on account* lill-attur biex ihallas lil SMS Limited sakemm jigu verifikati l-kontijiet pendenti bejn l-Agenzija u l-istess SMS Ltd waqt il-perjodu tat-tmexxija tal-attur u ta' huh u kellu jroddhomlu lura sal-15 ta' Lulju 1995 (**Dok. PM4**).

F'Ottubru 1995 baghat ittra ufficjali lill-attur biex jaderixxi ruhu mal-ftehim **DOK TA2** u ma jtawwallx izjed **(DOK PM5)**. Ta struzzonijiet lill-avukat tieghu biex ihejji citazzjoni imma dan ma pprezentahiex ghaliex xtaq li l-attur jiehu l-ftehim tal-1995 b'iktar serjeta`.

Riferibbilment ghall-ittra datata 11 ta' Novembru 1995 mibghuta lilu mill-attur, qal li heddu fis-sens li kien lest li jibda jikkompeti mieghu fl-istess linja tax-xoghol.

Fl-20 ta' Novembru 1995 l-avukat tal-attur baghatlu ittra ghan-nom tal-attur u ta’ huh Carmelo li l-ezercizzju tal-konteggjar kien fi stadju avvanzat (**DOK. PMF**).

**Xehed ukoll** li l-attur beda jorganizza *tours* taht l-isem tad-ditta mid-dar tieghu. (**Dok.PMG**).

Baqa' jistenna sabiex l-attur jifinalizza l-ezercizzju ta' konteggi izda f'April 1996 waslitlu ittra/*fax* minn SMS Limited indirizzata lill-attur fejn qallu li kienu ser jiehdu passi kriminali kontrih minhabba frodi peress li kien hallashom b'cekkijiet *post dated* li ma gewx onorati. (**DOK PMH**). Hu kien tkellem mal-Ispetturi tal-*Fraud Squad* biex ituh iktar zmien.

Sussegwentement ircieva ittra ufficjali datata s-16 ta' Mejju 1996 mill-attur b'talba ghall-hlas ta' Lm18,000 "*skont ftehim fl-iskrittura"* (**Dok. PM8**) u dan bhala nofs il-qligh meta s-sena ta' qabel kien talab Lm4,000 bhala salarju.[9] L-ammont dovut mill-attur lil SMS Ltd kien ghal biljetti tal-ivjaggar u servizzi rezi minn SMS Ltd lill-attur matul il-perjodu li dam jiggestixxi. Skont il-ftehim **TA2** l-attur kellu jaghlaq il-pendenzi kollha fiz-zmien stipulat.

L-attur kien ghaddielu nota datata t-8 ta' Novembru 1996 a fol. 141 (**DOK PM11**) fejn jghid: "*Kif ghidtlek ilbierah qieghed naghti struzzjonijiet lill-avukat biex:*

*a) iwaqqaf il-process li ftahtlek*
*b) inehhi s-sekwestru minn fuq il-banek.*
*Ghalkemm nibqa' nhoss li hemm pendenzi ta' sentejn li hdimt, pero` ma jimpurtax..."*

Qal ukoll li matul il-perjodu in kwistjoni, l-attur kien qed jorganizza *tours* minn fond li kien ghaddielu l-konvenut fi Triq l-Arcisqof il-Belt u jithallas u jzomm il-qligh hu. *Inoltre* ikkoncedielu l-profitti kollha fuq Tours Lokali ammontanti ghal Lm60 kull *tour* skont il-konteggi tal-attur stess (**DOK PMJ**). Baqa' ghaddej b'dawn it-*tours* sal-1999.

F'Novembru l-attur ghaddielu lista tad-debituri u kredituri izda dan ma kienx komplut u l-konvenut kellu jhallas lill-kredituri li ma kienux fuq il-lista biex ikompli jinnegozja.[10] Imbaghad fis-sena 2000 ghaddielu lista dettaljata ta' ammonti ta’ flus dovuti lid-ditta minghand Eric u Ivan

[9] Ara ittra responsiva **DOK PM9).**
[10] **Dok. PMK ittra mill-Gozo Channel ta' hlas dovut ghas-servizzi rezi ghas-sena 1992.**

Bartoli personalment u ghan-nom ta' Louis Barotli & Sons Ltd.[11]

Meta ceda d-ditta, l-attur dahal jahdem mal-akkwirent *Intermeditour Ltd* izda l-konvenut qatt ma rrakkommandah bhala konsulent tieghu minkejja li dan kien l-impressjoni li ta l-attur. Qatt ma seta' jaghmel dik ir-rakkommandazzjoni kif kienu c-cirkostanzi bejniethom. In-negozjati dwar paga saru bejn l-attur u l-*employer* il-gdid ghalkemm qal li ghaddielu nformazzjoni li l-attur kien qed jippretendi bejn Lm4,000 u Lm5,000 fis-sena. Ikkonferma li kien ftiehem ma’ Joseph Azzopardi li t-*tours* lokali jibqa' jorganizzahom l-attur u jiehu l-profitti l-istess attur. Bejn Marzu 1997 sa Dicembru 1997 beda jahdem biex jaghmel *handover* lil Joseph Azzopardi bl-ghajnuna ta' impjegata ta' Joseph Azzopardi, certu Astrid Grech li kienet tithallas minnu stess.

**In kontro-ezami** qal li bejn 1995 u 1997 ma kellux impjegati. Kien jiehu hu l-prenotazzjonijiet, jaghmel it-*tours* u x-xoghol kollu tal-agenzija ghajr ghat-*tours* lokali li kien jaghmel l-attur. Dawn it-*tours* kien jaghmilhom ghalih imma f'isem id-ditta. Kien jitla' kuljum fl-ufficcju ghalkemm kien hemm perjodu ftit qabel ma zzewget bintu fil-1996 fejn kien jopera mid-dar. Waqt li jkun qed idur fuq qadi ma eskludiex li l-attur ikun gabar xi pagamenti u jmur id-dar biex jghaddihomlu. Ma baqalux dokumenti tal-agenzija peress li welliha.

L-attur xehed **in kontro-ezami** u qal li fost ix-xoghol li kien jaghmel kien jimla c-cekkijiet fuq struzzjonijiet tal-konvenut, gja iffirmati minnu. Kien ikun regolarment kuljum fl-ufficini tad-ditta. Gharaf il-kitba tieghu fuq il-mammi tac-cekkijiet esebiti bhala Dokti. **ATT3** izda hemm notament b'idejn il-konvenut fejn nizzel in-numru tal-fattura relattiva jew in-numru tal-persuna li ser tircievi l-hlas fejn l-attur ikun nizzel biss in-numru tal-fattura. Dawn ma jikkorrispondux ma hlasijiet li kellhom isiru minnu skont il-ftehim **TA2.**

[11] **DOK PMN**

Muri **Dok ATT2** qal li jaqbel mar-rendikont indikat u cioe` li fil-1995 kiteb 25 cekk, fil-1996 4 cekkijiet u l-ebda cekk fil-1997. Dawn ic-cifri jirreferu ghan-numru tal-mammi tac-cekkijiet li mela peress li qal li tul it-tliet snin hareg ammont ghola ta’ cekkijiet li ma kienx mela l-mamma taghhom.

Dwar dawn id-dokumenti l-konvenut qal li filwaqt li DOK ATT2 kitbu hu, d-dokumenti ATT1 u ATT3 huma *scans* li ghamel hu. Meta kkonstata li l-ghadd ta' cekkijiet fid-dokument ATT2 inkitbu mill-attur, dan ghamlu minn ezami tal-mamma u mhux tac-cekkijiet infushom.

**Apprezzament tal-Provi**

Din il-kawza tirrisolvi ruhha f'kwistjoni ta' apprezzament tal-provi, fid-dawl tal-verzjonijiet kontrastanti tal-partijiet.

Hu minnu dak li ssottometta d-difensur tal-attur li "*kull xoghol ghandu jigi mhallas*" u li "*ma hemmx dubju li wiehed ma jistax jassumi l-attur irrinunzja ghall-pagament*" (Vol.XXXVIII.P.II.pp568). Gustament jissottometti wkoll, li meta persuna tkun accettat hlas zghir ghas-servigi rezi ghaliex qed tigi ttamata mill-persuna servuta li ser ikollha hlas akbar aktar tard, dik il-persuna jkollha dritt ghall-supliment ghar-retribuzzjoni certa u determinata ("***Vella -v- Schembri"*** P.A, Imh. H. Harding -dec. fit-8 ta' Novembru 1998).

L-isfond legali huwa car. Madanakollu din il-Qorti ghandha l-obbligu li tiddeciedi *juxta allegata et probata* u jispetta lill-attur li jipprova soddisfacentement sal-grad rikjest mil-Ligi li kien, fil-fatt, qed jippresta servigi lill-konvenut, li skont, kif xehed il-konvenut stess, ghenu billi sablu impieg, u sahansitra tah l-opportunita` li jaqla' l-ghixien tieghu mill-agenzija tal-ivvjaggar tal-istess konvenut minghajr korrispettiv imhallas. Il-Qorti hawnhekk tinnota li din ir-retroxena lanqas giet kontradetta mill-attur u toffri kwadru

tal-fatti kwantu differenti minn dak li jrid jaghti l-attur kif ser tispjega iktar ‘il quddiem.

Hawnhekk ta' min jirribadixxi li in tema legali huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f’kaz ta’ zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li *'onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat*.' Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. "*Mill-banda l-ohra pero’, il-grad ta’ prova rikjest fil-kamp civili, b’differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju rajonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f’ mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f’ kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabbiltajiet. Mera possibbilta’ mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabbilta’ civili.*” (PA (NC)" ***Frank Giordmania Medici et vs William Rizzo et***" - Deciza 28 April 2004.

U kif gie kkonfermat fis-sentenza **“Brigitte Vella pro et noe vs Richard Vella”** (A.C. - 5 ta’ Ottubru 2001) :

*“Mhux kwalunkwe tip ta’ konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f’dak l-istat ta’ perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista’ tiddeciedi b’kuxjenza kwieta u jkollha taqa’ fuq ir-regola “in dubio pro reo”.* Madanakollu "*l-Qorti ....ghandha tezimina bl-ikbar reqqa jekk xi wahda mill-versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta’ kredibbilta’ u specjalment dawk tal-konsistenza u versosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke jekk fuq bilanc tal-probabbilta’ u preponderanza tal-provi, ghax dawn, f’kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant”.*

Fin-nuqqas ta' korroborazzjoni tal-verzjoni tal-attur *ghandha tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur.*

**Talba tal-Attur**

L-attur xehed li wara l-iskrittura ffirmata fid-19 ta' Jannar 1995 baqa' jaghti s-servizzi tieghu fl-agenzija tal-ivvjaggar

u dan kien ibbazat "*fuq ftehim bil-fomm".* Baqa' jaghti dawn is-servizzi sal-1997 meta l-agenzija giet imwellija mill-konvenut. Qal ukoll li ma kienx impjegat imma kien jahdem ghar-rasu. Madanakollu anke fuq dan il-punt baziku mhux konsistenti ghaliex sussegwentement qal li *"B'effett minn Jannar 1995 jien kont dhalt impjegat mal-konvenut.*[12]*"*

Biex jispjega ahjar x'kien jaghmel qal li kien jidhol fit-8.15 ta' filghodu fl-ufficcju u jibqa' sas-6.00pm. Kien jaghti xoghol ta' konsulenzi, xoghol fl-ufficcju, xoghol ta' *Manager*, bejgh ta' *tours, travel packages* "*u xoghol iehor."* Esebixxa dokument **ATT2** (fol.224) li jindika "*total cheques written or partly written mill-Attur"* ammontanti ghal 25 cekk ghall-1995, 4 cekk ghall-1996 u xejn ghall-1997. Qal li parti mix-xoghol kien li jimla c-cekkijiet fuq struzzjonijiet tal-attur. Izda qal li dan in-notament jirraprezenta l-mammiet li kien jikteb filwaqt li kien hemm cekkijiet ohra li kien jimlihom izda c-*cheque book* ma kienx ikun f'idejh u ghalhekk ma kienx mela' l-mamma u kien il-konvenut li kien imbaghad jimla' l-mamma.

Izda fil-fehma tal-Qorti, minn apprezzament tal-provi, fid-dawl tal-fatti u tac-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, ma jirrizultax li kien hemm ftehim bejn l-attur u bejn il-konvenut ghal xi socjeta`, prestazzjoni jew kollaborrazzjoni fit-tmexxija tal-agenzija wara l-ftehim **DOK.TA2.** *Inoltre* lanqas jirrizulta mill-assjem tal-provi li l-attur irnexxielu jipprova sal-grad rikjest mil-ligi it-tezi tieghu li hu ghamel prestazzjonijiet a beneficcju tal-konvenut li ghalihom jisthoqqlu xi kumpens.

Il-konvenut jaghti spjegazzjoni kompletament differenti tal-prezenza tal-attur fil-*Cumberland Hotel* wara l-ftehim tad-19 ta' Jannar 1995. Difatti jichad li dan kellu rabta ta' impieg mieghu jew ta' negozju ghajr dak li hallieh jaghmel fil-kamp tat-*tours* lokali. L-uniku ftehim bejn il-kontendenti huwa dak esebit bhala **DOK TA2** u dan kien intiz biex jiffissa terminu sabiex jinghalqu l-kotba riferibbilment

---

[12] Xhieda a fol. 87 tal-process.

ghall-tmexxija tal-agenzija tal-vjaggi mill-attur u Carmelo Montebello, bi shab bejniethom, bejn l-1991 u l-1995.

Wara s-serqa tal-1994, u l-impatt negattiv fuq l-agenzija, il-konvenut spjega li sab hafna tahwid fin-negozju u kien hemm kredituri li kellhom jithallsu. Ried jaghlaq il-kotba malajr sabiex jipprova jsalva l-*bon nom* tad-ditta tieghu. Hu ried li *"igib l-agenzija fuq saqajha kemm fil-bejgh kif ukoll fl-irgulija lejn id-debituri."*

Skont il-ftehim tad-19 ta' Jannar 1995 (**DOK TA2**) l-attur intrabat flimkien ma' Carmelo Montebello li "*jhallsu personalment kull debitu li jigi mix-xoghol tad-ditta fi zmienhom u jaghmlu tajjeb ghal kull pendenza li tista' tibqa' insoddisfatta, kif fuq jinghad. Huma qed jobbligaw ruhhom li jivvakaw il-fond sallum minnhom uzat fil-Cumberland Hotel u jiehdu l-karti u d-dokumenti kollha konnessi maz-zmien tal-amministrazzjoni taghhom sabiex jaghlqu l-kontijiet u jhallsu l-pendenzi kollha sa zmien xahar millum."*

Il-konvenut ried, u kellu dritt li jinghata *handover* tal-amministrazzjoni precedenti u sabiex dan isehh, kellhom bilfors isiru l-konteggi mill-attur. Il-Qorti ssib il-verzjoni tal-konvenut iktar kredibbli u verosimili billi jghid li kellu jiddependi mill-attur biex jghaddilu l-informazzjoni mehtiega sabiex dan il-kapitlu jinghalaq. "*L-attur baqa' jigi hdejh sabiex nipprova nibda nholl il-kobba mhabbla li kienu ghamlu hija u hu. ... .L-attur ma kienx qed jghini f'sens ta' xoghol imma kien qed jipprova jimminimizza d-dizastru li hallew warajhom l-attur u hija Carmelo."..* Qal li "*forsi ghalhekk baqa' dejjem itawwal tul l-1995-1996, il-gentilezza tieghi ..jien ikkoncedejt aktar minn dak ix-xahar."*

L-attur ma kien xejn konsistenti fix-xhieda tieghu dwar dan ghaliex, ma jikkontestax il-fatt li l-informazzjoni kienet f'idejh, izda jallega li ghadda l-informazzjoni "*nahseb li domna xi xahrejn.*[13]*"* F'seduta ohra qal bil-gurament "*Jien nghid li r-rendikonti tal-hidma bejn l-1991 u l-1994 lill-*

[13] Xhieda tal-attur a fol. 39 tal-process.

*konvenut ghaddejthomlu matul l-1995".*[14] Dan mhux biss mhux ipprovat, imma huwa sahansitra kontradett minn dokumenti li juru li l-attur baqa' kaxkar saqajh sahansitra sas-sena 1996.

Difatti jirrizulta li l-konvenut esebixxa protest rigward id-dewmien fil-konteggi fl-4 ta' April 1995 **(Dok. PM2),** ittra ufficjali f'Ottubru 1995 **(DOK PM5)** u f'Novembru 1995, l-Avukat tal-attur baghat ittra ghan-nom tal-attur u ta' huh Carmelo li l-ezercizzjoni tal-konteggjar kien <u>fi stadju avvanzat</u> (**DOK. PMF**). Jirrizulta li kien fadal kredituri biex jithallsu sas-sena 1996 (ittra minghand SMS Ltd datat April 1996 - **Dok. PMH**) u fosthom SMS Limited heddew lill-attur li kienu ser jiehdu passi kontrih ghall-hrug frawdolenti ta' cekkijiet li ma gewx onorati u dan minkejja li l-konvenut stess kien silef flus lill-attur biex ihallas dan id-dejn (fol.121). Fil-29 ta' April 1997 ircevew ittra interpellatorja mill-Gozo Channel ghall-kreditu li kien jirrisali sal-1992 (fol 157) u fis-sena 2000 sar jaf li kellhom jiehdu somma minghand l-ahwa Bartoli (fol.167). Ir-rendikont baqa' ma sarx regolarment.

F'dawn ic-cirkostanzi huwa ferm difficli u improbabbli li l-Qorti temmen li l-konvenut accetta li jhallas lill-attur nofs il-qligh meta ha l-amministrazzjoni tal-Agenzija f'idejh jew li kien hemm xi *consensus ad idem* f'dan is-sens jew dwar xi kumpens ghas-servizz li kien qed jaghti l-attur. Il-konvenut fisser car li l-attur kien obbligat li jghinu biex isiru l-konteggi imsemmija.

Jirrizulta manifestament ippruvat minn dawn id-dokumenti li l-ezercizzju tal-*handover* u konteggi li l-attur kien obbligat li jaghmel baqa' jitkaxkar minimament sas-sena 1996 kontrarjament ghat-terminu prefiss fl-iskrittura. Jirrizulta wkoll li dan ma kienx merament ezercizzju fl-astratt ghaliex l-agenzija li kien waqqaf il-konvenut kienet ser titlef l-isem li kellha proprju minhabba l-malamministrazzjoni u t-tahwid fit-tmexxija mill-attur u Carmelo Montebello. Dwar dan xehed l-Avukat Thomas Abela li "Il-*pretensjonijiet tal-attur fil-kawza tallum kienu*

[14] Xhieda tal-attur a fol. 87 tal-process.

*tnisslu minn uzu li baqa' jaghmel tal-istess post pero' qal li ma kienux dahlu f'dawn il-pretensjonijiet...." "...Kienet pretensjoni li originarjament l-attur tallum kien jivvanta kontra Carmelo Montebello, hu l-konvenut."*

L-inkonsistenza fix-xhieda tal-attur hija wkoll manifesta fl-ispjegazzjoni oxxillanti tieghu dwar l-iskop u l-bazi tal-pretensjonijiet odjerni. Dawn il-pretensjonijiet gew vantati fi zminijiet differenti bhala dritt ghall-paga, sehem ugwali minn profitt, u kumpens ghall-konsulenzi. Dan bilfors jeskludi *ab inizio* l-ezistenza ta' kwalsiasi ftehim bejn il-partijiet ghaliex ma jistax ikun li tali ftehim kien soggett ghal daqstant sfumaturi u verzjonijiet differenti. L-attur l-ewwel beda biex jghid li "*ghalih"* il-ftehim kien dak li kellhom bl-iskrittura tad-19 ta' Jannar 1995, li jaqsmu bin-nofs. Izda dik l-iskrittura ma tohloq ebda ftehim bejn il-kontendenti *ad futuram* dwar tmexxija ta' negozju, imma tindirizza l-gheluq tal-amministrazzjoni precedenti u *handover* lill-konvenut bhala sid tal-agenzija. Meta rega' xehed qal li kien qed jippretendi Lm5,000 bhala kumpens ghal kull sena li 'hadem' ghad-ditta.[15] Fil-11 ta' Novembru 1995 **(DOK PM8**) l-attur kiteb lill-konvenut u talbu salarju ta’ Lm4,000. Meta rega' kiteb lill-konvenut fil-1997 talab cifra ta' Lm15,000 ghat-tliet snin li kien qed jaghtih is-servizzi tieghu.

Il-konvenut xehed li l-attur kompla juza l-*Cumberland Hotel,* proprjeta' tal-istess konvenut, ghall-vantagg personali tieghu billi kien jopera negozju ta' *engraving* mill-hotel. L-attur cahad li kien qed jahdem hemm izda minn ittra mibghuta mill-attur stess datata l-11 ta' Novembru 1995 (**Dok PM7**) insibu li "*Ghandek tkun taf ukoll li ser nibda nohrog mill-fond tal-Cumberland Hotel, proprjeta` tieghi (kumpressuri, engraving machine, kaxxi bit-tazzi, folji tal-aluminium u xi ghodda) <u>li kont nuza waqt ix-xoghol tieghi</u>"* (enfasi tal-Qorti.) Mentri f'dawn il-proceduri xehed bil-gurament riferibbilment ghall-ghodda tieghu li "*bazikament ma kienx juzah."*

[15] Xhieda a fol.84 tal-process.

Kien juza l-*hotel* minghajr hlas, kif ukoll kien jopera a beneficcju biss tieghu *tours* lokali f'isem l-agenzija tal-konvenut, u jzomm il-profitti kollha hu (ammontanti ghal Lm60 kull *tour* skont il-Konvenut) minghajr ma jhallas xejn, u dan bil-kompjacenza u bona volonta` tal-konvenut. Dan kien jaghmlu kemm mill-ufficcju tal-Agenzija kif ukoll mill-indirizz tad-dar tieghu.

**Kawza Precedenti u Nota ta' Cessjoni**

Il-konvenut eccepixxa li t-talbiet attrici huma ezawriti in kwantu li gja gew avvanzati b'kawza precedenti.

Jirrizulta li l-attur kien fetah kawza qabel din odjerna (fol 138) fejn jghid li "*b'effett mill-1 ta' Jannar 1995 l-attur u l-konvenut kienu <u>ftehmu</u> li jmexxu n-negozju flimkien u jaqsmu l-qligh kollu bin-nofs...".* Din il-kawza giet ceduta "*stante ftehim"* li skont l-attur ma kien ftehim xejn, imma ftehim "*biex jirrangaw".* Din in-nota giet prezentata fit-13 ta' Novembru 1996. Skont ix-xhieda tal-attur qed jippretendi hlas ghall-istess konsulenzi mertu tal-ewwel kawza li kien fetah.

Izda ftit granet qabel ma pprezenta n-nota, fit-8 ta' Novembru 1996 (fol.141) l-attur kiteb lill-konvenut fejn qal "*ghalkemm nibqa' inhoss li hemm pendenzi tas-sentejn li hdimt, <u>pero` ma jimpurtax</u>."* B'dawn il-kliem l-attur ceda l-pendenzi li kellu fil-konfront tal-konvenut. F'Marzu 1997 l-konvenut gja kien f'negozjati biex iwelli l-agenzija u kien jahdem bil-kollaborazzjoni ta' impjegata tal-akkwirent.

Il-Qorti tqis li din l-eccezzjoni hija fondata.

**Konkluzjonijiet fuq il-Mertu**

Riferibbilment ghat-tielet u raba' eccezzjoni tal-konvenut, il-Qorti fid-dawl ta' dawn il-kostatazzjonijiet kollha hija tal-fehma li l-attur ma ppresta ebda servizzi lill-konvenut imma kien qieghed jattendi fil-*Cumberland Hotel* u anke fl-ufficcju tal-Agenzija biex iwettaq l-obbligazzjonijiet kontrattwali li kellu lejn il-konvenut u jghinu biex jirranga t-tharbit li halla fl-Agenzija, kif ukoll baqa' hemm biex

juzufruwixxi ruhu b'xejn mill-facilitajiet tal-hotel ghall-iskop personali tan-negozju tieghu ta' *engraving* u organizzazzjoni ta' *local tours*. Il-konvenut mexa ta' ragel mieghu, ghenu, u minkejja danni sofferti ma fittxux legalment kif kellu kull dritt li jaghmel. Ma kien hemm ebda *mala fede* da parti tal-konvenut kontrarjament ghal dak ingustament allegat mill-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, anzi, il-Qorti ssib li l-attur ha vantagg mill-*buona volonta`* tal-konvenut u gie ben rikompensat bil-beneficcji u vantaggi lucrattivi kollha li rcieva mill-konvenut.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad it-talbiet attrici.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta’ u **tiddeciedi**, billi fil-waqt li tilqa' l-eccezzjonijiet rimanenti tal-konvenuti, **tichad** it-talbiet attrici bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

**L-ispejjez jithallsu mill-attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------